MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 773/2002

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Mark Lawrence Rizzo**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u tletin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm1,732.97), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Mob*isle* Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lill-konvenut mill-istess Mob*isle* Communications Limited fix-xhur bejn Marzu, 2002, sa' Mejju, 2002, u dana in segwitu ta' u skond Client Contract Number 29684, liema kuntratt huwa ffirmat mill-konvenut stess.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2002, u tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru

pprezentati kontestwalment ma' l-Avviz, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Frar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------